MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 718/2011

**HSBC Bank Malta plc**

**Vs**

**EZ Limited et**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fis-27 ta’ Lulju 2011, l-attrici qeghda titlob li l-konvenuti jigu dikjarati debituri u kundannati jhallsu *in solidum*:-

i. is-somma ta’ hamsin elf tmien mija u disgha u tletin ewro (€50,839) kapital u imghax li akkumula sat-30 ta’ Gunju 2011 fl-ammont ta’ tlett mija u hames ewro (€305.04).

ii. is-somma ta’ dsatax-il elf mitejn u erbgha u erbghin ewro (€19,244) kapital u l-imghax li akkumula sat-

30 ta' Gunju 2011 fl-ammont ta' erbgha mija u tlieta u tmenin ewro (€483.24).

Ammonti dovut ghall-ghoti ta' self kif jirrizulta minn kuntratti tat-12 ta' Jannar 2009 fl-atti tan-nutar Dr Tonio Spiteri, u kuntratt iehor tat-12 ta' Jannar 2009 fl-atti tal-istess nutar li permezz tieghu nghatat facilita ta' overdraft. Din l-ahhar facilita giet konvertita f'wahda ta' self *"rescheduled"*. Min-naha tal-konvenuti Catacombs Limited u Mary Anne Bezzina, dawn obbligaw ruhhom bhala garanti solidali.

Fl-20 ta' Settembru 2011 il-konvenuti pprezentaw nota fejn iddikjaraw li qeghdin jammettu t-talbiet kif maghmula fir-rikors guramentat.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu solidalment is-somma ta' :-**

**1. hamsin elf tmien mija u disgha u tletin ewro (€50,839) kapital, u imghax li akkumula sat-30 ta' Gunju 2011 fl-ammont ta' tlett mija u hames ewro (€305.04) kif spjegat hawn fuq.**

**2. dsatax-il elf mitejn u erbgha u erbghin ewro (€19,244) kapital, u l-imghax li akkumula sat-30 ta' Gunju 2011 fl-ammont ta' erbgha mija u tlieta u tmenin ewro (€483.24) kif spjegat hawn fuq.**

**L-imghax jibqa' jghaddi sal-gurnata tal-hlas tad-dejn, u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------